MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 967/2011

**B & B Property Development Company Ltd (C 1329)**

**-vs-**

**Horace Bugeja, Andrew Briffa (I.D Numru 591841 M) u Andrew Briffa bin Andrew (I.D. Numru 505376 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mis-soċjeta' attriċi fil-5 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi s-soċjeta attriċi hija proprjetarja tal-għalqa fil-limit ta' Ħal Għaxaq, kontrada ta' Bir id-Deheb, imsejħa "Ta' Bir id-Deheb" *sive* "tal-Barrani" tal-kejl superfiċjali ta' ċirka 3372.36 metri kwadri, li akkwistat bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti ta-Nutar Joseph Henry Saydon datat 28 ta' Novembru 1981 (Dok X). l-għalqa hekk akkwistata mis-soċjeta' attriċi hija murija fil-pjanta li tifforma parti mill-istess Dok X.

Illi l-konvenuti qegħdin jokkupaw, bla ebda titolu validu fil-liġi, l-estensjoni sħiħa tal-għalqa proprjeta' tas-soċjeta' attriċi, kif tirriżulta mill-pjanta annessa mad-Dok X.

Illi permezz ta' tlett ittri uffiċjali, waħda datata 16 ta' Mejju 2011, mibgħuta lill-konvenut Horace Bugeja, oħra datata wkoll 16 ta' Mejju 2011, mibgħuta lill-konvenut Andrew Briffa bin Andrew u t-tielet waħda datata 6 ta' Lulju 2011, mibgħuta lill-konvenut Andrew Briffa I.D. Numru 591841M, is-soċjeta' attriċi interpellat lil dawn l-istess tlett konvenuti sabiex huma jiżgumbraw mill-għalqa di proprjeta' tagħha.

Illi l-konvenuti kollha pero' baqgħu inadempjenti u għadhom sal-lum jokkupaw l-għalqa di proprjeta' tas-soċjeta' attriċi.

Illi l-esponenti Norman Buckle jaf personalment il-fatti hawn fuq esposti u minnu konfermati bil-ġurament. Dwar dan is-soċjeta' attriċi tistrieħ ukoll fuq ix-xhieda tad-Direttur tal-Agrikoltura, tal-Kap tal-Unit tal-Kontroll fi ħdan il-Ministeru Dwar ir-Riżorsi u Affarijiet Rurali, ta' rappreżentant tal-MEPA u ta' Giuseppa Sciberras, Maria Sciberras u Catherine Briffa.

Illi kif appena fuq premess, għalkemm il-konvenuti ġew interpellati ġudizzjarjament mis-soċjeta' attriċi sabiex jiżgumbraw mill-għalqa fuq identifikata, di proprjeta tal-istess soċjeta' attriċi, huma baqgħu inadempjenti u naqsu milli jagħmlu dan.

Għalhekk qed tiġi istitwita din il-proċedura

Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi, is-soċjeta' attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex, f'terminu qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din il-Qorti, jiżgumbraw mill-għalqa fil-limiti ta' Ħal Għaxaq, kontrada ta' Bir id-Deheb, imsejħa "Ta' Bir id-Deheb" *sive* "Tal-Barrani" tal-kejl superfiċjali ta' circa 3372.36 metri kwadri, di proprjeta' tas-soċjeta attriċi, *occorrendo previa*

dikjarazzjoni li l-istess konvenuti qed jikkupaw tali għalqa mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tat-tlett ittri uffiċjali, tnejn datati 16 ta' Mejju 2011, u l-oħra datata 6 ta' Lulju 2011, kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni tagħhom; u b'riserva ta' kull azzjoni għad-danni spetttanti lis-soċjeta' attriċi kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti kollha debitament inġunti, naqsu li jippreżentaw risposta ġuramentata u li jattendu għas-seduta tas-16 ta' Jannar 2012, u ċjoe' għal meta ġiet appuntata l-kawża, u allura huma kontumaċji skond il-liġi;

Rat illi fil-verbal tal-istess l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li Adrian Balzan għas-soċjeta' attriċi kkonferma l-kontenut tar-rikors ġja' ġuramentat;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mir-rikors imsemmi, is-soċjeta' attriċi qed titlob l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-għalqa imsemmija peress li huma m'għandhom ebda titolu legali biex jokkupawha;

Illi kif ġja' msemmi l-konvenuti huma lkoll kontumaċji u għalhekk it-talba attriċi kif konfermata bil-gurament ta' Adrian Balzan mhix kontradetta. Jidher ukoll mill-ittra esebita mill-istess xhud li Horace Bugeja nformahom li huwa ġja' kien telaq mill-ghalqa u li kien qed jokkupaha għaliex il-konvenuti l-oħra kienu qalulu li hija tagħhom u awtoriżżawh jagħmel dan.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi. Għall-fini tat-terminu għall-iżgumbrament il-Qorti tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż kollha għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------